MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 31/1991/1

Citazzjoni numru 31/1991

Joseph Parnis

-vs-

Alice Agnes Frank u li permezz ta’ nota tat-22 ta’ Marzu 1991 l-Avukat Dr Michael Grech LL.D. assuma l-atti minflok il-konvenuta stante l-assenza taghha minn dawn il-Gzejjer

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur fejn wara li ppremetta illi fuq ordni ta’ l-istess konvenuta, l-attur esegwixxa xoghol ta’ appalt konsistenti f’xoghol ta’ installar tas-sistema tal-luce elettrika, kif ukoll tal-moghdija tas-sistema ta’ l-ilma u xiri ta’ materjal u diversi oggetti u fittings kollox ghall-

beneficcju ta’ l-istess konvenuta, liema xoghol gie esegwit fil-fond taghha li huwa bla numru, pero’ bl-isem “Tabago”, Simar Valley Street, Qala, Ghawdex.

Illi l-attur baqalu jiehu minghand il-konvenuta s-somma ta’ elf mitejn u erbgha u sebghin lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm1274.57) u dana kif jidher mill-kont hawn anness u markat bhala Dokument A;

Illi l-konvenuta nonostante li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan il-bilanc minnha dovuti, dina baqghet inadempjenti.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur il-bilanc ta’ elf mitejn u erbgha u sebghin lira u sebgha u hamsin cenezmu (Lm1274.57) lilu dovuti, skond kif gie spjegat hawn fuq.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jananr 1991 u tal-Mandat ta’ Impediment ta’ Safar (Numru 22/91) kontra l-istess konvenuta u bl-ingunzjoni ta’ l-istess konvenut ghas-subizzjoni, li ghaliha minn issa hija mharka.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dottor Michael Grech fil-kwalita’ tieghu ta’ mandatarju ta’ l-assenti Alice Agnes Franck fejn eccepixxa:

1. illi l-eccipjenti nomine ma kellu ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fi kwalunkwe kaz izda minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat u l-

attur naqas li jiggustifika  l-ammont pretiz minnu b'kont iddettaljat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta debitament guramentata  u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha komprizi dawk tac-citazjoni numru 30/91 sakemm jirreferu ghal din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Il-kawza titratta xoghol ta' dawl u ilma allegatament maghmula mill-konvenut fil-fond "Tobago" Triq Wied Simar, Qala, Ghawdex. Issa li x-xoghol sar ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Lanqas m'hemm kontestazzjoni li l-fond kien proprjeta' tal-konvenuta meta sar ix-xoghol reklamat.

Il-konvenuta bl-ewwel eccezzjoni taghha eccepiet in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnha u l-attur. Din l-eccezzjoni pero' ma tirrizultax fondata kemm ghaliex ma jidhirx li giet sostnuta mill-konvenuta u wkoll stante li l-konvenuta ma tistax tippretendi li tibbenefika indebitament minn xoghol esegwit a beneficcju taghha molto piu' meta kellha agent taghha hawn Malta li mill-provi jirrizulta li kien qieghed jithallas minnha biex jissorvelja ix-xoghol u meta jirrizulta li kellu diskrezzjoni wkoll li jingagga il-haddiema. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi respinta.

Illi fit-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta qeghdha tikkontesta l-ammont reklamat mill-attur.  Dwar dan il-punt il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lill-Perit Arkitett Albert Cauchi bhala espert tekniku biex jirrelata dwar il-gustifikazzjoni tal-kont wara li jikkonstata x-xoghol esegwit.

Mill-atti ta' din il-kawza, kif ukoll dik bin-numru 30/91, li ghalkemm b'attur differenti ghall-attur odjern titratta meritu

ta' xoghol esegwit fl-istess fond tal-konvenuta, jirrizulta li z-zewg kawzi kienu mixjin kontestwalment. Anka din l-ahhar citata kawza ser tigi deciza illum. Jirrizulta oltre li fiz-zewg kawzi gie nominat l-istess Perit Arkitett li rrelata permezz ta' relazzjoni wahda fiz-zewg kawzi, liema relazzjoni hi nserita fl-atti tac-citazzjoni numru 30/91 (folio 70 et seq). Sussegwentement intablu u gew nominati minn din il-Qorti periti perizjuri li ghalkemm irrelataw fil-kawza l-ohra, u kif donnu jirrizulta, gew nominati fil-kawza l-ohra, ghamlu riferenza wkoll ghal din il-kawza f'certu dettal li jippermetti li din il-kawza tigi wkoll deciza. Ghal kull bon fini u a skanz ta' kull ekwivoku l-Qorti ser ghalhekk tiddisponi mir-rikors ghall-periti perizjuri mitluba f'din il-kawza billi qeghdha tichad it-talba anke biex ma jkunx hemm duplicita' ta' xoghol u spejjez inutili.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-istima tax-xoghol meritu din il-kawza l-ewwel perit kien illikwida s-somma fl-ammont ta' disa' mija sitta u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm936.37) wara li kien irreveda kemm l-prezz tal-materjal uzat koncernanti kemm id-dawl u kemm l-ilma u wkoll l-hlas tax-xoghol (rizultanti minn foio 108 sa 111 fic-citazz 30/91).

Il-Qorti fil-waqt li ser taccetta r-revizjoni fl-ammonti rigwardanti l-materjal, wara li ghamlet il-konteggi taghha ghal dak li jirrigwarda l-hlas tax-xoghol u relattivament ghal dan ta' l-ahhar uzat l-istess kriterju ta' hlas bil-Lm1.50 fis-siegha ghall-imghallem (l-attur) u bil-Lm1.25 ghall-haddiema, ikkonkludiet li l-figuri ghandhom jigu riveduti b'dan il-mod segwenti:

- ghall-elettriku = Lm254.71 (minflok Lm373.05);
- ghall-ilma = Lm346.16 (minflok Lm404.77);
- ghax-xoghol = Lm467.82 (minflok Lm496.75 - bil-Lm1.25 lill-impjegati u Lm1.50 lill-imghallem);
- B'KOLLOX GHALL-AMMONT TA' Lm1068.48

Li minn dan l-ammont, u senjatament b'riferenza ghall-fatturi murija a folio 121 u 122 (ara citazz 30/91) l-uniku ammont li lill-Qorti jidhrilha li ghandu jigi mnaqqas hu Lm15 indikat bhala xoghol ta' tiswija rigward il-'flashings'.

Mill-bqija ma rrizultalhiex li l-ispejjez l-ohra gew inkorsi minhabba xi difetti fix-xoghol. Kwindi l-ammont rivedut u li ghandu jkun dovut lill-attur hu ta' *Lm1053.48.*

In vista ta' dan tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghall-ammont ta' elf tlieta u hamsin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1053.48) bl-ispejjez tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' impediment tas-safar (numru 22/91).

Rigward l-ispejjez tal-kawza tordna li jithalsu kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mill-konvenuta. L-imghax jibda jiddekorri mil-lum sal-effettiv pagament.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------